



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

**2010/0051(COD)**

23.6.2010

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri *tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tal-poteri ta' implimentazzjoni*  
(COM(2010)0083 – C7-0073/2010 – 2010/0051(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Gabriele Albertini

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-Artikolu 291 tat-Trattat FUE jgħid li, meta jkun hemm bżonn ta' kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti u l-poteri ta' implimentazzjoni huma mogħtija lill-Kummissjoni, il-kontroll tal-eżerċizzju ta' dawn il-poteri ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni jinsab biss f'idejn l-Istati Membri. Għal dan il-għan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, permezz ta' regolament adottat skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu minn qabel ir-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmu ta' kontroll mill-Istati Membri. L-Artikolu 291 tat-Trattat FUE huwa ċar: l-Istati Membri biss għandhom jikkontrollaw l-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni. Dan ma jfissirx li l-Parlament huwa mċaħħad mill-possibilità li jintervjeni, jekk l-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni jmur kontra l-intenzjoni tal-leġislatur. Fil-fatt, il-Parlament tibqagħlu l-possibilità li jibgħat kummenti lill-Kummissjoni f'kull ħin waqt il-proċess li jwassal għall-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni, u wara li jitlesta dan il-proċess, jista' wkoll jadotta f'kull stadju riżoluzzjoni biex jissenjala lill-Kummissjoni problemi potenzjali li jikkonċernaw l-abbozz tal-miżuri ta' implimentazzjoni, minkejja l-fatt li ma hemm l-ebda referenza ċara fit-test tal-proposta tal-Kummissjoni. Fl-istess ħin, kif tixhed il-kawża C-403/05 quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja<sup>1</sup>, **rigward każijiet fejn il-Kummissjoni m'għandhiex tikkunsidra kif jixraq il-kummenti u l-preokkupazzjonijiet tal-Parlament, il-Parlament dejjem jista' jressaq rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jekk jemmen li l-Kummissjoni tkun marret lil hinn mill-poteri ta' implimentazzjoni tagħha.** Għalhekk, il-prerogattivi tal-Parlament bħala koleġislatur ma jġu affettwati bl-ebda mod. Huwa tal-akbar importanza, madankollu, sabiex il-Parlament ikun jista' jeżerċita b'mod sħiħ u fil-ħin il-prerogattivi tiegħu, li l-Kummissjoni tinforma b'mod attiv lill-Parlament dwar l-abbozzi ta' miżuri, l-abbozzi ta' miżuri emendati u l-abbozzi finali ta' miżuri kollha li tkun biħsiebha tadotta skont l-Artikolu 291 tat-Trattat FUE. Għalhekk, hekk kif dawn l-abbozzi ta' miżuri, l-abbozzi ta' miżuri emendati u l-abbozzi finali ta' miżuri jsiru disponibbli, il-Kummissjoni għandha tibgħathom formalment lill-Parlament Ewropew. Din it-trażmissjoni għandha tkun addizzjonali għar-rekwiżit ta' informazzjoni impost fuq il-Kummissjoni fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni permezz tar-reġistru tal-Komitoloġija. Fl-aħħarnett, fid-dawl tal-ispeċifità u s-sensittività politika ta' atti ta' implimentazzjoni li jkunu se jġu adottati skont l-istrumenti ta' għajjnuna finanzjarja esterna u f'konformità mal-prattika stabbilita bid-djalogu tal-iskrutinju demokratiku, il-Parlament għandu jkollu l-opportunità li jikkontribwixxi għall-proċess li jwassal għad-definizzjoni tal-kontenut tal-abbozzi tal-atti ta' implimentazzjoni li jkunu se jġu adottati skont l-istrumenti tal-għajjnuna finanzjarja esterna.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

---

<sup>1</sup> ĠU C 315, 22.12.2007, p.8.

## Emenda 1

### Proposta għal regolament Premessa 11 a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(11a) Il-Kummissjoni għandha tibgħat formalment lill-Parlament Ewropew l-abbozzi ta' miżuri, il-verżjonijiet emendati ta' abbozzi ta' miżuri bħal dawn u l-abbozzi finali tal-miżuri wara li l-kumitat rilevanti jkun ta l-opinjoni tiegħu, u hekk kif isiru disponibbli.**

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni tinforma b'mod attiv lill-Parlament dwar l-abbozzi ta' miżuri, l-abbozzi emendati ta' miżuri u l-abbozzi finali ta' miżuri li tkun biħsiebha tadotta skont l-Artikolu 291 tat-Trattat FUE.*

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 11 b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(11b) Fir-rigward tal-atti ta' implimentazzjoni skont l-istrumenti ta' għajjnuna finanzjarja esterna, il-Parlament Ewropew għandu jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni waqt il-proċess li jwassal għall-preżentazzjoni tal-abbozzi ta' miżuri bħal dawn jew ta' verżjonijiet emendati ta' dawn il-miżuri.**

*Ġustifikazzjoni*

*Fid-dawl tal-ispeċifità u s-sensittività politika ta' atti ta' implimentazzjoni li jkunu se jiġu adottati skont l-istrumenti ta' għajjnuna finanzjarja esterna u f'konformità mal-prattika stabbilita bid-djalogu tal-iskrutinju demokratiku, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Parlament waqt il-proċess li jwassal għall-preżentazzjoni tal-abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni li jkunu se jiġu adottati skont l-istrumenti tal-għajjnuna finanzjarja esterna.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament Premessa 12 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(12a) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, kull wieħed minnhom indipendentament, jistgħu jibagħtu lill-Kummissjoni, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, kummenti dwar abbozzi ta' miżuri, dwar verżjonijiet emendati ta' abbozzi ta' miżuri bħal dawn u dwar abbozzi finali ta' miżuri wara li l-kumitat rilevanti jkun ta l-opinjoni tiegħu, skont kif iqisu li jkun xieraq.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Biex wieħed ikun ċar, għandu jerġa' jingħad li l-Parlament u l-Kunsill, bħala koleġiżlaturi, u kull wieħed minnhom indipendentament, dejjem tibqgħalhom il-possibilità li jibagħtu kummenti lill-Kummissjoni fi kwalunkwe stadju tal-proċess li jwassal għall-adozzjoni ta' miżuri implimentattivi, jekk iqisu li jkun xieraq li jagħmlu dan.*

### **Emenda 4**

#### **Proposta għal regolament Premessa 12 b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(12b) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, kull wieħed minnhom indipendentament, jistgħu jibagħtu lill-Kummissjoni kummenti dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni f'kull ħin wara li dawn ikunu ġew adottati.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Biex wieħed ikun ċar, għandu jerġa' jingħad li l-Parlament u l-Kunsill, bħala koleġiżlaturi, u kull wieħed minnhom indipendentament, dejjem tibqgħalhom il-possibilità li jibagħtu kummenti lill-Kummissjoni anke wara li l-miżuri ta' implimentazzjoni jkunu ġew adottati.*

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Artikolu 7 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 7a*

*Atti ta' implimentazzjoni skont l-istrumenti ta' għajjnuna finanzjarja esterna*

*Meta l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni skont l-istrumenti ta' għajjnuna finanzjarja esterna, il-Parlament Ewropew għandu jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni waqt il-proċess li jwassal għall-preżentazzjoni ta' abbozzi ta' atti bħal dawn jew verżjonijiet emendati ta' atti bħal dawn, bil-ħsieb li jitressqu quddiem il-kumitat rilevanti għal opinjoni skont l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 5.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Fid-dawl tal-ispeċifità u s-sensittività politika ta' atti ta' implimentazzjoni li jkunu se jiġu adottati skont l-istrumenti ta' għajjnuna finanzjarja esterna u f'konformità mal-prattika stabbilita bid-dialogu tal-iskrutinju demokratiku, il-Parlament għandu jkollu l-opportunità li jikkontribwixxi għall-proċess li jwassal għad-definizzjoni tal-kontenut ta' abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni li jkunu se jiġu adottati skont l-istrumenti tal-għajjnuna finanzjarja esterna.*

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu -1 (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*-1. Il-Kummissjoni għandha tibgħat formalment lill-Palament Ewropew l-abbozzi ta' miżuri, il-verżjonijiet emendati ta' abbozzi ta' miżuri bħal dawn u l-abbozzi finali tal-miżuri wara li l-kumitat rilevanti jkun ta l-opinjoni tiegħu skont l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 5, u hekk kif isiru disponibbli.*

## *Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni tinforma b'mod attiv lill-Parlament dwar l-abbozzi ta' miżuri, l-abbozzi emendati ta' miżuri u l-abbozzi finali ta' miżuri li tkun biĥsiebha tadotta skont l-Artikolu 291 tat-Trattat FUE. Dan ir-rekwiżit ta' informazzjoni huwa addizzjonali għal dak impost fuq il-Kummissjoni fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni permezz tar-reġistru tal-komitoloġija.*

### **Emenda 7**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 8 – paragrafu 1 – kliem introduttiv**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. **Il-Kummissjoni** għandha żżomm reġistru tal-proċeduri ta' kumitat li għandu jkun fih:

##### *Emenda*

1. **Minbarra li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' informazzjoni skont il-paragrafu -1, il-Kummissjoni** għandha żżomm reġistru tal-proċeduri ta' kumitat li għandu jkun fih:

## *Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni tinforma b'mod attiv lill-Parlament dwar l-abbozzi ta' miżuri, l-abbozzi emendati ta' miżuri u l-abbozzi finali ta' miżuri li tkun biĥsiebha tadotta skont l-Artikolu 291 tat-Trattat FUE. Dan ir-rekwiżit ta' informazzjoni għandu assolutament ikun addizzjonali għal dak impost fuq il-Kummissjoni fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni permezz tar-reġistru tal-komitoloġija.*

### **Emenda 8**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt e a (ġdid)**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

**(ea) il-pożizzjonijiet, u r-raġunijiet relatati ma' dawn il-pożizzjonijiet, tar-rappreżentanti tal-Istati Membri,**

## *Ġustifikazzjoni*

*Il-pożizzjonijiet tar-rappreżentanti tal-Istati Membri għandhom ikunu aċċessibbli għall-Parlament Ewropew (li jagħti aċċess lill-pubbliku għas-seduti u għal-laqgħat tal-kumitati kollha).*

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Parlament Ewropew **u l-Kunsill** għandhom ikollhom aċċess għall-informazzjoni msemmija *f'paragrafu 1*.

*Emenda*

2. Il-Parlament Ewropew, **il-Kunsill u l-parlamenti nazzjonali** għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni msemmija *fil-paragrafu 1*.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Konsegwenza tal-emendi 6 u 7. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni tinforma b'mod attiv lill-Parlament dwar l-abbozzi ta' miżuri, l-abbozzi emendati ta' miżuri u l-abbozzi finali ta' miżuri li tkun biĥsiebha tadotta skont l-Artikolu 291 tat-Trattat FUE. Dan ir-rekwiżit ta' informazzjoni għandu assolutament ikun addizzjonali għal dak impost fuq il-Kummissjoni fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni permezz tar-reġistru tal-komitoloġija.*



## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Kontroll min-naħa tal-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni
<b>Referenzi</b>	COM(2010)0083 – C7-0073/2010 – 2010/0051(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b>	JURI
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 24.3.2010
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Gabriele Albertini 14.4.2010
<b>Eżami fil-kumitat</b>	22.6.2010
<b>Data tal-adozzjoni</b>	22.6.2010
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 53 -: 1 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gabriele Albertini, Sir Robert Atkins, Arnaud Danjean, Mário David, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Takis Hadjigeorgiou, Richard Howitt, Anna Ibrisagic, Anneli Jäätteenmäki, Jelko Kacin, Nicole Kiil-Nielsen, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Vytautas Landsbergis, Ryszard Antoni Legutko, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Barry Madlener, Mario Mauro, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Kristiina Ojuland, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Paşcu, Vincent Peillon, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, Werner Schulz, Marek Siwiec, Ernst Strasser, Charles Tannock, Zoran Thaler, Inese Vaidere, Geoffrey Van Orden, Kristian Vigenin, Graham Watson, Boris Zala
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Nikolaos Chountis, Véronique De Keyser, Liisa Jaakonsaari, Evgeni Kirilov, Doris Pack, Teresa Riera Madurell, Tokia Saifi, Marietje Schaake, György Schöpflin, Indrek Tarand, Traian Ungureanu, Luis Yáñez-Barnuevo García